Kuntatt
...ma' l-iskola t'ibnek
Jannar/Frar 2008

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

# It-tielet sena skolastika

Settembru 2005, 2006, 2007. Diġà ninsabu fit-tielet sena skolastika. L-iskola m'għadhiex tarbija tat-twelid. Bdejna b'popolazzjoni ta' ftit aktar minn 300 student, fit-tieni sena tlajna għal 500 u issa qbiżna s-700. Għas-sentejn li ġejjin għad irridu nkomplu nikbru għaliex huwa biss sat-tielet sena li għandna studenti kemm tal-liċeo u kemm tas-sekondarja. Il-popolazzjoni mistennija tkun ta' madwar 950 student.

L-iskola twieldet fl-istess sena li kienet varata r-riforma msejħa *Biex Uliedna Jirnexxu Lkoll*. Din ir-riforma, barra li daħħlet is-sistema tal-kulleġġi daħħlet il-mudell li permezz tiegħu studenti b'ħiliet differenti setgħu jattendu l-istess skola. Din ġabet sfida kbira għaliex kien meħtieġ li l-iskola, filwaqt li ma titmexxiex daqs li kieku kienu tliet skejjel separati li jinsabu taħt saqaf wieħed, tara li t-tagħlim isir b'mod li jaqdi l-bżonnijiet ta' l-istudenti kollha.

Għalhekk għalkemm l-istudenti kollha jilbsu l-istess uniformi, jużaw l-istess riżorsi u huma mgħallmin mill-istess għalliema, it-tagħlim isir skond il-ħiliet differenti ta' l-istudenti. Mhux l-istudenti kollha jistudjaw l-istess suġġetti jew għandhom l-istess ammont ta' lezzjonijiet fis-suġġetti kollha. L-istess jista' jingħad għall-eżamijiet. L-istudenti joqogħdu għal eżamijiet differenti u li jirriflettu l-livell li fih ikun sar it-tagħlim.

Kif ġieli kellna ċans nispjegaw fil-laqgħat li nagħmlu għalikom il-ġenituri, ir-riżultati li jinkisbu fl-eżamijiet iridu jiġu interpretati skond il-livelli differenti li għalihom ikun maħsub l-eżami. Għalhekk marka ta' per eżempju 70% m'għandhiex taqbad u titqies li tfisser li l-istudent għandu preparazzjoni tajba biex joqgħod għall-eżamijiet tas-SEC. Għalkemm fil-każ ta' studenti li jkunu qagħdu għall-eżami taħt skema A jew B wieħed jista' jikkonkludi li l-livell iqabbel tajjeb ma' dak tas-SEC, mhux l-istess jista' jingħad fil-każ ta' eżamijiet taħt skemi Ċ jew D.

Fejn din id-distinzjoni mhix ċara tiddiskutuha ma' l-għalliema tat-tifel tagħkom f'Jum il-Ġenituri, fit-18 ta' Marzu li ġej. Inħeġġiġkom biex tħallu din il-ġurnata ħielsa minn impenji oħra sabiex tkunu tistgħu tattendu.

**J. Micallef**
**Kap ta' l-Iskola**

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## Editorjal – L-akbar eżami tal-ġenituri

Filli għadna kemm iċċelebrajna tmiem is-sena 2007 u filli ħarab ukoll l-ewwel xahar mis-sena l-ġdida. Kemm jgħaddi ż-żmien! U donnok aktar ma tikber aktar tibda tarah jgħaddi malajr. Filli għadna nibdew is-sena skolastika f'Settembru u filli diġà wasalna għall-eżamijiet ta' nofs is-sena.

Ma nistgħux ma noqorbux lejn Frar u ma nirriflettux ftit fuq l-eżamijiet li dan ix-xahar iġib miegħu għall-istudenti tagħna. Irridu u ma rridux l-eżamijiet dejjem jibqgħu pedina importanti fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. U dan għaliex il-ħajja hija mimlija eżamijiet, eżamijiet akkademiċi u mhux.

Ir-responsabbiltà li għandek inti bħala ġenitur żgur li hija waħda mill-akbar eżamijiet ta' ħajtek. Bħal dak it-tifel li biex imur tajjeb f'eżami jrid jistinka u jaħdem qatigħ, hekk ukoll inti bħala ġenitur trid tagħmel l-almu tiegħek biex ikollok riżultat sabiħ fit-trobbija t'ibnek. Mix-xejn ma jiġi xejn. Ħadd ma jgħaddi minn eżami mingħajr il-preparamenti meħtieġa.

U dan jgħodd bil-wisq aktar fit-trobbija ta' l-ulied. Għalkemm it-triq ma tkunx dejjem watja u waqtiet nibdew inħossu xi ftit mit-toqol ta' dan l-eżami importanti, dan ma jfissirx li għandna naqtgħu qalbna u nċedu fil-valuri u fil-messaġġi li qed inwasslu lit-tifel fil-ħajja ta' kuljum. Ma ninsewx li għada se naħsdu dak li qegħdin niżirgħu llum. J'Alla kull wieħed minna bħala ġenitur jikseb l-isbaħ riżultat u suċċess mistħoqq fl-eżami tat-trobbija ta' wliedu. Ikun l-isbaħ ċertifikat li wieħed jista' jkollu. Awguri.

Bord Editorjali: G. Micallef (Asst. Kap), D. Agius Muscat, P. Callus, M. Zahra Sacco
Issettjar: P. Callus, A. Galea
Disinn: R. Mamo

## Segwi programm interessanti għall-ġenituri

Inħeġġukom sabiex issegwu programm dwar il-Portafoll tal-Ġenituri għat-Tagħlim Tul il-Ħajja mtella' mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi:

| | | |
|---|---|---|
| It-Tlieta | 10.00 – 11.00 am | TVM |
| It-Tlieta (ripetizzjoni) | 9.30 – 10.30 pm | Education 22 |
| L-Erbgħa (ripetizzjoni) | 2.30 – 3.30 pm | Education 22 |

Dan il-portafoll juri ġabra tal-ħiliet tiegħek. Jekk tixtieq kopja kellem lill-*Customer Care* tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jew l-iskola (Mr. Reuben Mifsud - *Lifelong Learning and Parental Involvement SDP Group)*.

# In-Notice Board tal-Kunsill Skolastiku

## LAQGĦA NUMRU 7

- Inżammet nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2008;
- Inqraw u ġew approvati l-minuti tal-laqgħa numru 6;
- Diskuss ir-rapport amministrattiv għas-sena 2007;
- Analizzat ir-rapport finanzjarju ta' Diċembru kif ukoll dak għas-sena 2007;
- Ingħata rendikont dwar kif tqassmu l-fondi li nġabru mill-*Penalty Shoot Out* organizzata mill-Kunsill ta' l-Istudenti;
- Ingħataw aġġornamenti dwar il-progress li sar biex jinħolqu żoni ta' dell u biex id-*Drama Room* tkun mgħammra bil-purtieri;
- Saret evalwazzjoni ta' kif marret il-*Parents' Evening* u kif marru l-attivitajiet tal-Milied u saru xi proposti;
- Ingħataw suġġerimenti dwar kif jista' jkun iffurmat sottokumitat biex jiffaċilita l-involviment tal-ġenitur fl-attivitajiet ekstrakurrikulari;
- Ingħatat informazzjoni dwar x'passi diġà ttieħdu dwar il-konfużjoni li tinqala' fi Triq San Ġwann fil-ħinijiet li fihom l-istudenti jidħlu u joħorġu mill-iskola.

## AĠENDA GĦAL-LAQGĦA NUMRU 8

- Qari tal-minuti;
- Korrezzjonijiet u spunti;
- Jum il-Premjazzjoni.

Jekk tixtieq li l-Kunsill jiddiskuti xi ħaġa partikolari avviċina lil xi wieħed mill-membri sa mhux aktar tard mis-6 ta' Frar 2008.

# PROGRAMM NOFS IS-SENA

### *Taqsir il-kliem*

BIO (Biology);
BS (Business Studies)
CHEM (Chemistry)
CS (Computer Studies)
DT (Design & Technology)
GC (Graphical Communication)
HE (Home Economics)
ITA 3 (Italian Option 3)
PE (Physical Education).

<table>
<tr><th></th><th></th><th>Il-Ġimgħa<br>8 ta' Frar</th><th>It-Tnejn<br>11 ta' Frar</th><th>It-Tlieta<br>12 ta' Frar</th><th>L-Erbgħa<br>13 ta' Frar</th></tr>
<tr><td rowspan="2">FORM 1</td><td>L-1 sessjoni</td><td rowspan="8">ĠURNATA STUDJU</td><td>Lingwi</td><td>Malti</td><td>Ingliż</td></tr>
<tr><td>It-2 sessjoni</td><td>Ġeografija</td><td>Reliġjon</td><td>Studji Soċjali/ Studji Ambjentali</td></tr>
<tr><td rowspan="2">FORM 2</td><td>L-1 sessjoni</td><td>Malti</td><td>Lingwi</td><td>Matematika</td></tr>
<tr><td>It-2 sessjoni</td><td>Studji Soċjali</td><td>Ġeografija/ Studji Ambjentali</td><td>Storja</td></tr>
<tr><td rowspan="2">FORM 3</td><td>L-1 sessjoni</td><td>Matematika</td><td>Ingliż</td><td>Lingwi</td></tr>
<tr><td>It-2 sessjoni</td><td>ICT</td><td>Reliġjon</td><td>Ġeografija</td></tr>
<tr><td rowspan="2">FORM 4</td><td>L-1 sessjoni</td><td>Ingliż</td><td>*HE/DT/GC PE/CS/BS</td><td>Malti</td></tr>
<tr><td>It-2 sessjoni</td><td>Reliġjon</td><td>Studji Soċjali</td><td>ICT</td></tr>
<tr><td rowspan="2">FORM 5</td><td>L-1 sessjoni</td><td rowspan="2">ORALI</td><td>Ingliż</td><td>Matematika</td><td>Taljan</td></tr>
<tr><td>It-2 sessjoni</td><td>Ġeografija</td><td>Storja</td><td>Taljan<br>Listening Comprehension</td></tr>
</table>

# TA' L-EŻAMIJIET FRAR 2008

## *Punti importanti:*

1. L-ewwel sessjoni tibda fit-8.00.
2. It-tieni sessjoni tibda fl-10.30.
3. L-Ingliż jibda fit-8.00 u jispiċċa fl-10.15.
4. Il-brejk ikun mill-10.00 sa' l-10.30.
5. Fi żmien l-eżamijiet it-trasport lura jkun:
    a. Mit-Tnejn 11 ta' Frar sal-Ġimgħa 15 ta' Frar f' 12.05.
    b. It-Tnejn 18 ta' Frar u t-Tlieta 19 ta' Frar fl-10.20.

| | | Il-Ħamis 14 ta' Frar | Il-Ġimgħa 15 ta' Frar | It-Tnejn 18 ta' Frar | It-Tlieta 19 ta' Frar |
|---|---|---|---|---|---|
| **FORM 1** | **L-1 sessjoni** | Matematika | * HE/GC/DT | Xjenza/ Scientific Lit. | ORALI |
| | **It-2 sessjoni** | ICT | Storja | ***M'hemmx eżami*** | ORALI |
| **FORM 2** | **L-1 sessjoni** | Ingliż | ICT | ORALI | * HE/GC/DT |
| | **It-2 sessjoni** | Xjenza/ Scientific Lit. | Reliġjon | ORALI | ***M'hemmx eżami*** |
| **FORM 3** | **L-1 sessjoni** | Fiżika/ Scientific Lit. | ORALI GC/BS | Malti | *BIO/CS/ITA3 |
| | **It-2 sessjoni** | Storja/Studji Ambjentali | ORALI PE/DT | *CHEM/HE | Studji Soċjali |
| **FORM 4** | **L-1 sessjoni** | Lingwi | Matematika | Fiżika/ Scientific Lit. | ***M'hemmx eżami*** |
| | **It-2 sessjoni** | ORALI | Ġeografija | Storja | ***M'hemmx eżami*** |
| **FORM 5** | **L-1 sessjoni** | Malti | Fiżika | ***M'hemmx eżami*** | Franċiż |
| | **It-2 sessjoni** | Studji Soċjali | Reliġjon | ***M'hemmx eżami*** | ***M'hemmx eżami*** |

**Dak il-misħut logħob elettroniku li qed jeqred is-soċjeta` tagħna**

Il-logħob elettroniku sar l-għoġol tad-deheb li ħafna (kbar u żgħar) jaduraw bħala l-qofol tal-gost. Il-grafika tiegħu hija identika għall-ħajja vera u emozzjonalment hija aħjar għax tnessik t-tbatija tal-ħajja vera.

1. **Il-logħob elettroniku xkiel għal żvilupp sħiħ**

L-idea tat-tagħlim tul il-ħajja hija ineżistenti. Ħlief jilagħbu l-logħob elettroniku ħafna mit-tfal ma jagħmlux u jafu jitkellmu fuq hekk biss.

2. **Il-logħob elettroniku qed jibni soċjeta` indifferenti**

Niltaqa' ma' tfal li jgħaddu filgħaxijiet sħaħ jilagħbu logħob elettroniku. Lanqas ilissnu kelma lil ħadd. Kif se jiżviluppaw il-ħiliet ta' kif tikkomunika?

3. **Il-logħob elettroniku theddida għad-dixxiplina**

Tifel li jgħaddi sigħat twal b'kontroll fuq kulma hemm madwaru kif jista' imbagħad ma jsibhiex diffiċli li jaċċetta t-tmexxija jew l-ordnijiet fil-ħajja vera?

4. **Il-logħob elettroniku wieħed mill-kawżi ta' l-ibbuljar**

Ħafna mil-logħob huwa vjolenti u ta' kontroll fuq l-oħrajn (saħansitra hemm logħba jisimha '*Bully*'). It-tifel se jipprova jgħix l-istess esperjenzi tal-logħba.

5. **Il-logħob elettroniku wieħed mill-kawżi tal-ħxuna**

It-tfal qegħdin jgħaddu nofs ta' nhari sħaħ quddiem skrin bilqiegħda mingħajr ma jużaw dan il-ħin għal eżerċizzju fiżiku li jgħinu fis-saħħa fiżika u mentali.

6. **Il-logħob elettroniku l-ewwel kuntatt mal-logħob tal-flus**

Hemm logħob fuq l-internet li juża flus virtwali. Ġieli sibna tfal li joffru flus veri lill-oħrajn sabiex jittrasferixxulhom il-flus virtwali fil-kont tagħhom.

7. **Il-logħob elettroniku huwa** ***babysitter***

Ikun aħjar li dak il-ħin li ibnek iqatta' jilgħab logħob elettroniku u ħalliek bil-kwiet għax għandek ħafna x'tagħmel, użajtuh biex flimkien tkomplu ssaħħu r-relazzjoni ta' bejnietkom.

Forsi esaġerajt. Jista' jkun. Biss, meta ibnek jagħmel sigħat twal jilgħab logħob elettroniku nitolbok almenu tiftakar u taħseb f'xi ftit minn dawn il-punti.

R. Mifsud
Għalliem tal-*Guidance*

## HELP

Fil-ħarġa ta' Novembru 2007 għamilna l-ewwel kuntatt, fejn tajna spjegazzjoni qasira tad-dokument HELP (*Healthy Eating Lifestyle Plan*) u x'għandna ppjanat sabiex dan id-dokument ikun implimentat.

Kellna rispons inkoraġġanti ta' ġenituri li xtaqu jiffurmaw parti mill-*Core Action Group* (kumitat responsabbli mill-implimentazzjoni tad-dokument HELP). Il-kumitat issa ngħaqad u ltaqa' għall-ewwel darba nhar l-Erbgħa 16 ta' Jannar, 2008. Ġie diskuss kif għandhom jiġu mkejla l-elementi pożittivi u inqas pożittivi f'dak li qiegħed isir bħalissa fl-iskola dwar dan id-dokument. Dan sabiex jgħinna niffurmaw politika fl-iskola fuq il-linji li qiegħed jitlob dan l-istess dokument għall-aħjar interess ta' l-istudenti, l-għalliema u l-istaff kollu.

Sfortunatament ma tantx kien inkoraġġanti r-rispons tal-ġenituri għall-programm edukattiv li qiegħed isir l-iskola bħala parti mill-proġett *Shape-Up*. Il-programm li kien jiffoka fuq ikel bnin u nutrittiv għal dieta aktar bilanċjata ġie ddisinjat apposta bl-akbar impenn minn għalliema professjonali sabiex jolqot il-gosti u l-interessi tagħkom il-ġenituri.

Il-programm immirat għall-istudenti tat-tielet sena dwar l-importanza ta' kollazjon bnin qiegħed jiġi implimentat u qiegħed iħalli l-frott mixtieq. Hu importanti ħafna li dak li jkun qiegħed isir ma' wliedkom waqt ħin l-iskola jkompli jissaħħaħ id-dar. B'hekk biss inkunu nistgħu nkejlu s-suċċessi tagħna flimkien.

Minn dan ix-xahar l-iskola bdiet tipprovdi ħalib b'xejn kuljum mit-*tuckshop*. Dan qiegħed isir sabiex nerġgħu nibdew insaħħu l-kultura tal-ħalib fid-dieta ta' wliedna. B'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' mard serju, kemm waqt l-iżvilupp, kif ukoll aktar tard matul il-ħajja. Il-ġenituri li jixtiequ li t-tfal tagħhom jużaw dan is-servizz għandhom jipprovdu tazza tal-plastik li tkun tesa 200ml.

Minn ftit tal-jiem 'l hawn il-luminata (*softdrinks*) bdiet tinbiegħ fil-fliexken tal-plastik, fosthom anki fid-daqs ta' 500ml. Xi studenti bdew iġibu magħhom l-iskola dan it-tip ta' xorb minflok l-ilma jew xorb ieħor b'anqas ammont ta' zokkor. Barra li dan it-tip ta' xorb ma jagħmilx ġid għas-saħħa, ir-regoli tad-dokument HELP ma jippermettux li dawn jinġiebu l-iskola.

Bħal dejjem inħeġġu kooperazzjoni sħiħa f'dak li jkun qiegħed isir ma' wliedkom fl-iskola.

R. Zammit
Għalliema u membru fil-kumitat HELP

## Attivitajiet tal-Milied mill-għalliema

Għal darb' oħra l-għalliema tal-Kulleġġ ħadu ħsieb li jtellgħu pantomima tal-Milied għall-istudenti. Din is-sena saru tliet rappreżentazzjonijiet ta' *Robinson Crusoe,* tnejn filgħodu għall-istudenti u oħra filgħaxija għall-ġenituri.



## Attivitajiet tal-Milied mill-istudenti

Ma setax jonqos li għall-Milied jiġi mtella' wkoll kunċert bis-sehem ta' l-istudenti. B'differenza mis-snin ta' qabel din is-sena ppruvajna ngħaqqdu siltiet varji bħal m'huma kant, żfin u reċtar fi storja waħda - kummiedja bl-isem ta' *Is-Sibt filgħaxija lejn iċ-ċinema b'allegrija*. Kellna wkoll żewġ siltiet ippreparati għalina mill-banda ta' l-istudenti tagħna.



N. Gafa', R. Mamo, C. Tanti

## Seminar tal-*Home Economics*: Xi tfisser li nkun papà?

Is-suġġett tal-*Home Economics* huwa mifrux ħafna. Filwaqt li nitkellmu fuq in-nutrizzjoni, l-ikel u s-saħħa, nittrattaw ukoll affarijiet li jirrikjedu preparazzjoni u impenn fil-ħajja, fosthom it-trabi. F'dan ir-rigward naraw x'tirrikjedi dik l-omm li tkun qed tistenna tarbija. Naraw ukoll x'inhuma l-ħtiġijiet tat-tarbija mit-tnissil tagħha ġol-ġuf sa l-ewwel ftit snin ta' ħajjitha. Fuq dan l-aspett, l-istudenti tat-tielet sena huma meħtieġa li jagħmlu riċerka u jtellgħu proġett.

Sabiex nintroduċu dan is-suġġett ma' l-istudenti stedinna lis-sinjura Maryanne Theuma – *Childbirth Educator* u *Doula*. Is-sinjura Theuma qabblet ix-xogħol ma' rwol ta' missier. B'dan il-mod għenet lill-istudenti jirriflettu kemm iridu jimpenjaw irwieħhom u jistinkaw sabiex jippreparaw lilhom infushom u jilħqu dak li jixtiequ. Bl-istess mod spjegat li għalkemm huwa faċli li ssir missier, huwa tajjeb li tipprepara ruħek sew, tkun taf bid-diffikultajiet li tista' tiltaqa' magħhom u tiddeċiedi b'liema mod bi ħsiebek taffaċjahom qabel ma tieħu dan il-pass.

Is-sinjura Theuma saħqet fuq l-importanza tar-rispett lejna nfusna għax b'hekk biss aħna nistgħu nkunu kapaċi nirrispettaw lill-oħrajn; lis-sieħeb/sieħba, lil uliedna u lil dawk kollha ta' madwarna. Din il-laqgħa ġiet fit-tmiem tagħha permezz ta' ħarsa fuq il-bżonnijiet fiżiċi, mentali, soċjali, u emozzjonali ta' kull tarbija. Dawn it-temi se jkomplu jiġu trattati aktar fil-fond fil-lezzjonijiet tal-*Home Economics*.



L-istudenti laqgħu din l-informazzjoni b'entużjażmu u aħna ċerti li se juru aktar interess li jitgħallmu u jirriċerkaw fuq dan is-suġġett.

A. Falzon
R. Balzan
Għalliema tal-*Home Economics*